*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,795, 26 ta' Lulju, 2005*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru. XII ta' l-2005**

ATT magħruf b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445.**

**ACT No. XII of 2005**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Cultural Heritage Act, Cap. 445.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

EDWARD FENECH ADAMI
President

26 ta' Lulju, 2005

## ATT Nru. XII ta' l-2005

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1**. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att ta' l-2005 li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali. Dan l-Att għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-patrimonju kulturali jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' l-Att.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**2**. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) it-tifsira "Ċentru" għandha titħassar;

(b) fit-tifsira "Entitajiet" il-kelma "iċ-Ċentru" għandha titħassar;

(ċ) fit-tifsira "esplorazzjoni" minflok il-kliem "u li tista' tirriżulta fis-sejbien ta' oġġetti" għandhom jidħlu l-kliem "jew bil-għan li jiġu skoperti oġġetti ġodda";

(d) fit-tifsira "konservazzjoni" minnufih wara l-kelma "attività" għandhom jidħlu l-kliem "u riċerka", u minflok il-kliem "tkabbar ir-reżistenza" għandhom jidħlu l-kliem "ikabbru r-reżistenza"; u

(e) fit-tifsira "sorveljanza" minnufih wara l-kliem "li tkun tinkludi" għandhom jidħlu l-kliem ", bla ħsara għall-funzjonijiet ta' l-Aġenzija,".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**3**. Is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (c), il-kliem "li twettaq u" għandhom jidħlu minnufih qabel il-kliem "li tippromwovi";

(b) fil-paragrafu (f), minnufih wara l-kliem "u siti" għandhom jidħlu l-kliem ", u li żżomm kull d*atabase* meħtieġa u tagħrif miksub jew meħtieġ għall-organizzazzjoni, ippjanar, ko-ordinament u sorveljar ta' proġetti ta' restawr";

(ċ) il-paragrafu (k) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala paragrafu (m) u l-paragrafi ġodda (k) u (l) li ġejjin għandhom jidħlu minnufih wara l-paragrafu (j):

"(k) li tagħti parir lill-Gvern, wara konsultazzjoni ma' l-Aġenzija u korpi oħra rilevanti, dwar politika ta' konservazzjoni u restawr u biex tidentifika oqsma ta' prijorità u bżonnijiet speċjali;

(l) li tiġbor u regolarment taġġorna reġistru ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi mwaqqfa bil-għan li jippromwovu l-patrimonju kulturali, inkluża l-konservazzjoni, l-immaniġġar tar-restawr, il-presentazzjoni jew l-istudju ta' proprjetà kulturali li jkollhom bi proprjetà jew li tkun fdata lilhom:

Iżda kull organizzazzjoni mhux governattiva li titniżżel f'dak ir- reġistru għandha tikseb l-approvazzjoni bil-quddiem tal-Ministru."

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "kif provdut f'dan l-Att." għandhom jidħlu l-kliem "L-Aġenzija tista' wkoll topera taqsima għall-konservazzjoni, ir-restawr, ir-riċerka u t-taħriġ ta' xjenzati tal-konservazzjoni u ta' konservaturi. Sabiex l-Aġenzija tkun tista' tilħaq il-funzjonijiet u l-għanijiet tagħha, hija għandha tiftiehem dwar dan ma' istituzzjonijiet edukattivi u ta'

studji ogħla, b'mod partikolari ma' l-Università ta' Malta jew ma' entitajiet oħra kemm lokali kemm barranin skond ma jkun jidhrilha li jkun xieraq biex jiġu żgurati livelli akkademiċi għoljin ħafna u sabiex tkun tista' twaqqaf u tmexxi bis-saħħa ta' kull ftehim bħal dak korsijiet akkademiċi u vokazzjonali fil-konservazzjoni, ir-restawr u l-immaniġġjar tal-patrimonju kulturali, kif ukoll bil-għan ġeneriku li tipproduċi nies imħarrġa għall-ħarsien xjentifiku kif imiss tal-patrimonju kulturali."; u

(b) minflok is-subartikolu (4), għandu jidħol dan li ġej:-

"Funzjonijiet ta' l-Aġenzija.

(4) Tkun il-funzjoni ta' l-Aġenzija:

(a) li tiżgura li mużewijiet, kollezzjonijiet, inkluzi kollezzjonijiet li jinżammu b'riserva, siti, bini u proprjetà, mobbli jew immobbli, li jifformaw parti mill-patrimonju kulturali, li jkunu proprjetà tagħha jew inkella amministrati minnha, jiġu konservati, restawrati, amministrati, immexxija, operati, imqegħda fis-suq, studjati, issir riċerka dwarhom u, meta dan ikun japplika, skavati u ppreżentati għall-esibizzjoni, bl-aħjar mod possibbli;

(b) li takkwista bi proprjetà jew bħala oġġetti fdati f'idejha, kollezzjonijiet ta' oġġetti, siti, bini għall-Mużewijiet, kollezzjonijiet, siti u bini;

(ċ) li twettaq, jew tikkummissjona, f'kull każ taħt is-sorveljanza tas-Sovrintendent, ir-restawr jew il-konservazzjoni ta' proprjetà kulturali li tkun proprjetà jew li tkun xort'oħra miżmuma jew amministrata mill-Aġenzija;

(d) li tikkoordina ma' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, l-Awtorità ta' l-Ippjanar u ma' korpi oħra involuti, miżuri li jitqiesu meħtieġa biex oġġetti, siti u bini li jagħmlu parti mill-patrimonju kulturali jkunu protetti u jsiru aċċessibbli permezz ta' kull konservazzjoni, manutenzjoni, restawr, esibizzjoni u promozzjoni meħtieġa;

(e) li tippromwovi konoxxenza, edukazzjoni, apprezzament u tgawdija pubblika tal-patrimonju kulturali;

(f) li tikkonsulta b'koordinament mas-Sovrintendenza, tikkonsulta lill-Kunsilli Lokali fil-

preservazzjoni tal-patrimonju kulturali fil-lokalità tagħhom;

(ġ) li tippromwovi u tagħmel riċerka fil-qasam tal-patrimonju kulturali u, bla ħsara għall-funzjoni regolatorja tas-Sovrintendent, li tmexxi skavi u investigazzjonijiet oħra li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġu skoperti, imħarsa u apprezzati oġġetti u aspetti oħra ta' patrimonju kulturali;

(ħ) li tipprovdi lis-Sovrintendent b'kopji ta' dokumentazzjoni ta' xogħlijiet ta' restawr u konservazzjoni imħejjija fl-Aġenzija jew minnha, u, fejn ikun meħtieġ, il-prinċipji, it-teknoloġija u l-metodoloġija użati;

(i) li tagħmilha ta' aġenzija nazzjonali għall-konsulenza kemm għas-settur pubbliku kemm għal dak privat fuq kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-konservazzjoni u r-restawr;

(j) li tagħti pariri lill-Gvern, wara li tikkonsulta lis-Sovrintendenza, dwar politika ta' konservazzjoni u restawr li tkun tkopri lil Malta u tidentifika l-oqsma ta' l-prijoritajiet u bżonnijiet speċjali;

(k) li tagħti pariri u tagħmel arranġamenti barra minn Malta għar-restawr ta' dawk l-artefatti li ma jistgħux jiġu restawrati lokalment:

Iżda dwar oġġetti li jkunu jinsabu għand sidien privati, l-Aġenzija għandha biss tagħti pariri jew tagħmel dawk l-arranġamenti li jistgħu jintalbu minnha;

(l) li tidħol għal proġetti ta' konservazzjoni f'Malta u barra minn Malta u li tipprovdi servizzi ta' amministrazzjoni għal proġetti ta' konservazzjoni u restawr lil klijenti fis-settur kemm pubbliku kemm privat sew f'Malta sew barra minn Malta;

(m) li tistabbilixxi u tmantni kull sistema meħtieġa, speċjalment *databases* dwar il-konservazzjoni meħtieġa għall-organizzazzjoni, ippjanar, koordinament, kontroll, sorveljar u b'mod ġenerali li tidħol għal proġetti ta' restawr ta' l-Aġenzija;

(n) li tagħmel riċerka u tizviluppa metodoloġija ta' amministrazzjoni ta' proġetti ta' restawr;

(o) li tistabbilixxi u tmantni laboratorji ta' xjenza djanjostika u restawr;

(p) li tistabbilixxi u tmantni dipartiment ta' dokumentazzjoni li jieħu ħsieb id-dokumentazzjoni xjentifika ta' proġetti ta' konservazzjoni li l-Aġenzija tkun qegħda twettaq;

(q) li tippromwovi, tistabbilixxi, u tmantni faċilitajiet ta' tagħlim għat-taħriġ ta' studenti sa livelli professjonali rikonoxxuti fil-qasam internazzjonali fl-arti u x-xjenzi tal-konservazzjoni u r-restawr;

(r) li tippromwovi u tikkoordina l-kisba ta' taħriġ interdixxiplinari f'livelli professjonali, tekniċi u artiġjanali f'kull aspett ta' konservazzjoni u restawr;

(s) li tippromwovi u torganizza l-attivitajiet ta' tagħlim u ċertifikazzjoni tiegħu fil-parametri tar-Regolamenti ta' l-2000 dwar Kwalifiki Professjonali u Vokazzjonali ta' Malta, hekk li jkun jista' jsir progrediment minn livelli vokazzjonali għal dawk professjonali;

A.L. 215 ta' l-2000.

(t) li tidentifika kull ħila meħtieġa fis-settur kollu tal-patrimonju kulturali u l-mezzi kif kull ħila bħal dik tista' tkun żviluppata waqt li tinkoraġġixxi u tgħin ukoll żvilupp professjonali kontinwu għal dawk il-persuni li jaħdmu f'kull qasam ta' dak is-settur;

(u) li taqdi kull funzjoni oħra taħt din il-liġi jew kull liġi oħra kif ukoll dawk il-funzjonijiet l-oħra kollha li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jassenjalha, u b'mod ġenerali li tagħti pariri lill-Ministru fuq kull ħaġa li tirrigwarda l-patrimonju kulturali u l-proprjetà kulturali.".

**5**. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali il-kliem "u ieħor nominat mill-Ministru responsabbli għal Għawdex.", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "membru nominat mill-Ministru responsabbli għal Għawdex u ieħor nominat mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta.".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

**6.** L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Tħassir ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**7**. L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Tħassir ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

**8.** L-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) il-paragrafu (g) tas-subartikolu (1) għandu jiġi mħassar u l-paragrafi (h), (i) u (j) għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala paragrafi (g), (h) u (i) rispettivament; u

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6), minflok il-kliem "l-artikoli 7, 8 u 10;" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 7 u 8".

Emenda ta' l-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali.

**9**. L-artikolu 34 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fis-subartikolu (1) -

(i) fil-paragrafu (b), minflok il-kelma "żewġ" għandha tidħol il-kelma "tliet" u minflok il-kliem "l-ieħor minn fost persuni akkreditati" għandhom jidħlu l-kliem "tnejn minn fost persuni akkreditati";

(ii) fil-paragrafu (c), minflok il-kliem "tiegħu;" għandhom jidħlu l-kliem "tiegħu."; u

(iii) il-paragrafu (d) għandu jiġi mħassar; u

(b) fis-subartikolu (4), il-kliem "; fil-każ ta' membru maħtur miċ-Ċentru, jitlob liċ-Ċentru jaħtar lil xi persuna oħra biex timla dik il-vakanza" għandhom jiġu mħassra.

Emenda ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali.

**10**. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali, minnufih wara l-proviso relattiv għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:-

"Iżda wkoll id-dritt ta' preferenza jista' jkun eserċitat biss f'xi ċirkostanza minn dawn li ġejjin:-

(a) meta l-proprjetà kulturali in kwistjoni tkun bla ebda dubju ta' valur kulturali għoljin; jew

(b) fil-każ ta' theddida fiżika potenzjali għall-proprjetà kulturali; jew

(ċ) fil-każ ta' esportazzjoni jew ċaqliq li jagħti lok għat-tneħħija tagħha 'l barra mit-territorju nazzjonali; jew

(d) sabiex jiġi żgurat li l-proprjetà kulturali tkun aċċessibbli.".

**11**. L-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1), minflok il-kliem "jerġa jesporta" għandhom jidħlu l-kliem "jerġa jesporta jew ineħħi minn Malta, inklużi l-ibħra territorjali,"; u

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:-

"(3) Is-Sovrintendent jista', meta jagħti permess għall-esportazzjoni, għal esportazzjoni mill-ġdid jew għat-tneħħija minn Malta, inklużi l-ibħra territorjali, għal żmien limitat u bil-għan ta' esibizzjoni, restawr jew għal studju, jesiġi garanziji għar-ritorn tal-proprjetà kulturali konċernata skond ammont li jiġi stabbilit mis-Sovrintendent:

Iżda fil-każ ta' esportazzjoni u esportazzjoni mill-ġdid għal perjodu ta' żmien limitat u għall-għanijiet indikati, is-Sovrintendent jista' jagħti dak il-permess mingħajr ma jħallas id-dazju msemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu:

Iżda wkoll ma tkun meħtieġa ebda garanzija meta l-esportazzjoni, l-esportazzjoni mill-ġdid u tneħħija minn Malta, inkluzi l-ibħra territorjali, jkun sar mill-Aġenzija."; u

(ċ) fis-subartikolu (6), minnufih wara l-kliem "propost li jiġi esportat", għandhom jidħlu l-kliem "jew imneħħi minn Malta, inklużi l-ibħra territorjali,".

**12**. L-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1), minnufih wara l-kliem "jista' jidħol" għandhom jidħlu l-kliem "jew jispezzjona" u minnufih wara l-kliem "jew bini" għandhom jidħlu l-kliem "jew jispezzjona kull oġġett"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "fejn ikunu qed isiru" għandu jidħol il-kliem "jew qed jiġu kontemplati".

**13**. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "l-eredi tiegħu." għandhom jidħlu l-kliem "l-eredi tiegħu:" u minnufih wara dawn il-kliem għandu jidħol dan il-proviso li ġej:- Emenda ta' l-artikolu 53 ta' l-Att prinċipali.

"Iżda meta l-proprjetà danneġġata jew meqruda tkun ġiet fdata lill-Aġenzija jew tkun proprjetà tagħha kull ammont li jiġi rkuprat għandu jingħata mis-Sovrintendent lill-Aġenzija.".

Żieda ta' l-artikoli ġodda 57 sa 60 fl-Att prinċipali.

**14.** Minnufih wara l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:-

"Disposizzjonijiet transitorji dwar it-trasferiment ta' proprjetà taċ-Ċentru lill-Aġenzija.

57. (1) B'seħħ minn meta dan l-artikolu jidħol fis-seħħ, kull proprjetà li tappartjeni liċ-Ċentru għandha, bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr ebda assikurazzjoni ulterjuri, tiġi trasferita lil u tkun tvesti fl-Aġenzija taħt l-istess titolu li kellha taħt iċ-Ċentru minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

(2) Dak it-trasferiment għandu jkun jestendi għaċ-Ċentru kollu kemm hu u għandu jkun jinkludi kull impjant, art, apparat u proprjetà oħra kemm mobbli kemm immobbli, attiv, setgħa, dritt, privileġġ u kawżi ta' azzjoni miżmumin jew gawduti f'konnessjoni ma' dan jew li jappartjenu għal dan.

Disposizzjonijiet transitorji dwar kif jiftiehmu l-liġijiet, kuntratti, eċċ. eżistenti.

58. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-liġijiet, regoli, regolamenti, ordnijiet, sentenzi tal-qorti, dokumenti, mandati u sistemi ta' xogħol kollha li jkunu jeżistu minnufih qabel ma' dan l-artikolu jidħol fis-seħħ, li jkunu jolqtu liċ-Ċentru għandhom ikunu għal kollox viġenti u effettivi kontra jew favur l-Aġenzija u għandhom ikunu jistgħu jiġu enforzati daqstant b'mod sħiħ u effettiv daqslikieku, minflok iċ-Ċentru, kienet l-Aġenzija li ssemmiet fihom jew li kienet parti fihom, skond il-każ.

Disposizzjoni transitorja dwar l-impjegati.

59. Minkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, dan l-artikolu għandu jirregola kif jgħaddu l-impjegati miċ-Ċentru għall-Aġenzija, u dawn għandhom jgħaddu taħt dawn il-pattijiet u kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) kull min ikun impjegat maċ-Ċentru fil-jum meta jidħol fis-seħħ dan l-artikolu għandu jiġi offrut impjieg ma' l-Aġenzija skond dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' impieg li jkunu qegħdin jiġu offruti mill-Aġenzija lil impjegati oħra ta' l-Aġenzija fi gradi li jkunu l-istess jew simili, jew skond dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Aġenzija tista' tqis li jkunu ġusti u raġonevoli, wara li titqies il-ħidma ta' dawk l-impjegati u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg li jkunu f'dak il-waqt jeżistu f'Malta;

(b) il-kuntratti ta' impjieg kollha maċ-Ċentru għandhom, bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr il-ħtieġa ta' kull proċedura jew formalità oħra, jintemmu malli dan l-artikolu jibda jseħħ;

(ċ) l-impjegati kollha li l-kuntratt ta' impjieg tagħhom maċ-Ċentru jintemm bis-saħħa tal-paragrafu (b) hawn qabel għandhom jitqiesu bħala li jkunu ġew għal kollox mogħtijin kumpens għat-terminazzjoni ta' l-impjieg tagħhom maċ-Ċentru meta ssirilhom l-offerta li jibqgħu jżommu l-impjieg tagħhom ma' l-Aġenzija skond il-paragrafu (a) hawn qabel u l-proviso li hemm ma' dan l-artikolu, u dik it-terminazzjoni ta' kuntratt ta' impjieg maċ-Ċentru ma għandha tagħti lok għal ebda obbligazzjoni jew responsabbiltà oħra daparti taċ-Ċentru, ta' l-Aġenzija jew tal-Gvern:

Iżda l-impjegati taċ-Ċentru –

(i) li kienu impjegati maċ-Ċentru fil-jum li jaħbat minnufih qabel il-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu u li l-kuntratt ta' l-impjieg tagħhom maċ-Ċentru kien ġie mitmum bis-saħħa tal-paragrafu (b) hawn qabel; jew

(ii) li kellhom il-kuntratt ta' l-impjieg tagħhom maċ-Ċentru terminat għal raġunijiet li ma jkunux dak ta' tkeċċija sommarja maċ-Ċentru mhux aktar kmieni minn tliet xhur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, ma jkunu obbligati jagħmlu ebda perjodu ta' impjieg bi *probation* meta jiġu impjegati mill-Aġenzija skond il-paragrafu (a) hawn qabel u, għall-finijiet biss li jiġi stabbilit iż-żmien ta' servizz ta' dawk l-impjegati, iż-żmien ta' impjieg tagħhom maċ-Ċentru għandu jitqies bħala impjieg ma' l-Aġenzija.

Disposizzjonijiet transitorji oħra.

60. (1) Meta xi ħaġa tkun inbdiet minn jew taħt l-awtorità taċ-Ċentru qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu u dik il-ħaġa jkollha x'taqsam ma' xi proprjetà jew kull dritt jew obbligazzjoni oħra taċ-Ċentru trasferiti minn jew taħt dan l-Att, dik il-ħaġa tkun tista' ssir u tintemm bi jew taħt l-awtorità ta' l-Aġenzija.

(2) Meta fil-jum li dan l-artikolu jidħol fis-seħħ ikun hemm pendenti xi proċediment legali li ċ-Ċentru jkun parti fih jew ikollu jedd li jkun parti fih u dak il-proċediment ikun jagħmel riferenza għal xi jedd jew obbligazzjoni dwar proprjetà jew xi jedd ieħor taċ-Ċentru trasferit bi jew taħt dan l-Att, l-Aġenzija għandha tidħol f'dak il-proċediment minflok iċ-Ċentru jew ikollha jedd li tidħol b'dak il-mod.

(3) Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel dawk id-disposizzjonijiet inċidentali, konsegwenzjali u supplimentali li jistgħu jkunu meħtieġa jew spedjenti bil-għan li jassikuraw u jagħtu effett sħiħ għat-trasferiment taċ-Ċentru jew ta' xi dritt jew obbligazzjoni lill-Aġenzija minn jew taħt dan l-Att u jista' jagħmel dawk l-ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex setgħat u dmirijiet li jkunu eżerċitati miċ-Ċentru, dwar proprjetà trasferita, drittijiet u obbligazzjonijiet, isiru eżerċitabbli minn u f'isem l-Aġenzija.".

__________

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 292 tat-18 ta' Lulju, 2005.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*